

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

AVVIŻ TA' POST VAKANTI NRU COR/AD 14/30 BIS/22

Direttur (m/f) (¹)

(2022/C 335 A/01)

Direttorat:

Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni

Post Vakanti:

AD 14

Tip ta' pożizzjoni:

DIRETTUR

Pubblikazzjoni taħt l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal (²)

Pubblikazzjoni simultanja taħt l-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal

Data tal-pubblikazzjoni

It-2 ta' Settembru 2022

Skadenza:

L-14 ta' Ottubru 2022 f'nofsinhar (Ħin ta' Brussell)

1. Ambjent tax-Xogħol

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) joperaw ċertu numru ta' servizzi taħt ftehim ta' kooperazzjoni b'mod konġunt. Bħalissa qed infittxu Direttur li kapaċi jipprovdji viżjoni strateġika u gwida lid-Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni li għadu kif twaqqaf fi ħdan is-servizzi konġunti taż-żewġ Kumitat konsultattivi.

Waqt li jaħdem taħt l-awtorità direitta tas-Segretarji Ġenerali tal-Kumitati msemija qabel, u fil-limiti tas-setgħat mogħtija lili mill-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-KtR u l-KESE, id-Direttur sejkun responsabbi biex jistabbilixxi u jimplimenta l-istrateġija digiitali fit-tul, li tinkludi l-provvista ta' ambjent tal-IT robust, infrastruttura u pjattaformi tal-IT affidabbli, għodod u soluzzjonijiet li jħarsu l-quddiem lill-Membri u lill-persunal taż-żewġ Kumitat.

Id-Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni jikkonsisti fi tliet unitajiet b'total ta' madwar 40 membru tal-persunal statutorju u aktar minn 60 fornitur ta' servizzi esterni.

Id-Direttorat huwa artikolat madwar it-tliet unitajiet li ġejjin:

IT.1: Trasformazzjoni digiitali

IT.2: Soluzzjonijiet digiitali

IT.3: Pjattaformi digiitali

(¹) Kull referenza f'dan l-avviż għal persuna tas-sess maskili għandha titqies ukoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna tas-sess femminili

(²) Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' aġġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, stabiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1), test konsolidat disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20220101>.

Il-kompliti ewlenin tad-Direttorat huma (3):

- li jelabora u jimplimenta, taħt l-awtorità tas-Segretarji Ġenerali, il-viżjoni strateġika u l-istratèġija diġitali tal-Kumitati fl-ambjent ta' wara l-COVID-19,
- li jipprovdi infrastruttura, sistemi u servizzi tal-IT affidabbli, kosteffettivi, adattati u siguri lill-Membri u lill-persunal,
- li jantiċipa l-iżviluppi futuri relatati mal-IT biex joffri modi ġodda ta' ħidma u kollaborazzjoni għall-persunal, li jirazzjonalizza l-proċessi tan-negożju fil-qasas tal-istratèġija ta' governanza tal-IT korporattiva u li jimmodernizza l-amministrazzjoni billi tingħata l-interoperabilità u l-komplementarjetà ta' sistemi interni u interistituzzjonali tal-IT,
- li jiggarrantixxi l-ġestjoni tajba tar-riżorsi umani u finanzjarji mqiegħda għad-dispożizzjoni tad-Direttorat (fil-limiti tal-ġestjoni ċentralizzata possibbli tal-akkwist u partijiet mill-operazzjonijiet finanzjarji għas-servizzi Konġunti),
- li jappoġġja l-isforzi ta' komunikazzjoni għal kwistjonijiet relatati mal-IT,
- li jrawwem il-kooperazzjoni interistituzzjonali u s-sinerġiji possibbli dwar kwistjonijiet relatati mal-IT.

2. Deskrizzjoni qasira tar-responsabbiltajiet ewlenin

Taħt l-awtorità diretta tas-Segretarji Ġenerali tal-KtR u tal-KESE, id-Direttur imexxi d-Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni f'kooperazzjoni ma' Viċi Direttur li jappartjeni amministrattivament lill-KESE.

Sabiex jingħata l-ogħla grad ta' diversità ta' maniġers anzjani, fkaż ta' mertu ndaqs ta' diversi kandidati li jaapplikaw taħt l-istess kategorija (Artikolu 29(1a), b) jew 29(2) b'ordni ta' prijorità dekrex-xenti), se tingħata preferenza lill-kandidati nisa jew lill-kandidati li x'aktarx iżidu l-bilanċ ġeografiku fost il-manġers anzjani tal-KtR.

3. Dmirijiet

Il-kompliti ewlenin tad-Direttur għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni jinkludu:

- il-kontribuzzjoni għat-tim maniġerjali superjuri taż-żewġ istituzzjonijiet taħt it-tmexxija u r-responsabbiltà tas-Segretarji Ġenerali rispettivi tagħhom;
- it-tħejjija u l-implementazzjoni tal-istratèġija diġitali tal-Kumitati fl-ambjent ta' wara l-COVID-19;
- l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-ħidmiet imwettqa mid-Direttorat bl-għan li jiġu organizzati aħjar l-aktivitajiet taż-żewġ Kumitati, tingħata kunsinna mingħajr xkiel ta' soluzzjonijiet u pjattaforma tal-IT filwaqt li jiġu pprovduti soluzzjonijiet li jħarsu l-quddiem li jippermettu lill-Kumitati jimmodernizzaw il-metodi ta' ħidma u l-proċessi interni tagħhom kontinwament;
- il-provvista tal-aħjar servizzi tal-IT lill-membri u lill-persunal permezz ta' għodod diġitali moderni li jiffaċilitaw l-operazzjonijiet ta' kuljum u l-iżgur tal-interoperabbiltà tagħhom ma' sistemi interni jew interistituzzjonali oħra;
- id-definizzjoni ta' għodod rilevanti bbażati fuq l-IT li jappoġġjaw l-aktivitajiet politiċi u konsultattivi taż-żewġ Kumitati f'kooperazzjoni mad-Direttorati inkarigati mill-komunikazzjoni;
- l-istabbiliment ta' relazzjonijiet interistituzzjonali effettivi u l-koordinazzjoni ma' Direttorati oħra biex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT;
- l-iżgur tal-kwalità tax-xogħol imwettaq fid-Direttorat;
- l-iżgur ta' komunikazzjoni interna fid-Direttorat u mad-Direttorati u d-dipartimenti l-oħra tas-segretarjati ġeneral taż-żewġ Kumitati;

(3) Għal aktar informazzjoni dwar il-Kumitat Ewropew tar-Regjuni u l-prijoritajiet političi għal hames snin tiegħu, jekk jogħġebok ikkonsulta l-holqa li ġejja: [https://cor.europa.eu/en/engage/brochures/Documents/Bringing Europe closer to people – The political priorities of the European Committee of the Regions 2020-2025/4325 Political Priorities Brochure.pdf](https://cor.europa.eu/en/engage/brochures/Documents/Bringing%20Europe%20closer%20to%20people%20-%20The%20political%20priorities%20of%20the%20European%20Committee%20of%20the%20Regions%202020-2025/4325%20Political%20Priorities%20Brochure.pdf)

- l-iżgħurar ta' ġestjoni soda tar-niżorsi finanzjarji u umani tad-Direttorat billi jiġi massimizzat l-impatt mistenni f'kooperazzjoni mill-qrib mat-tim ċentrali tal-akkwist u tal-inizjazzjoni finanzjarja;
- it-twettiq tar-responsabbiltajiet ta' uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega fil-limiti stabbiliti;
- l-iżgħurar ta' kooperazzjoni bla xkiel mal-unità inkarigata mill-ġestjoni ċentrali tal-proċeduri tal-akkwist u l-ġestjoni finanzjarja fis-servizzi Konġunti.

4. Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-proċedura tal-ġħażla hija miftuħa għall-kandidati kollha li, fid-data stabbilita għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE;
- igawdu drittijiet sħaħ bħala ċittadini u jipproduċu referenzi xierqa dwar il-karatru dwar l-adattabilità tagħhom għat-twettiq tad-dmirijiet;
- ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost fuqhom mil-liġjiet li jikkonċernaw is-servizz militari;
- ikunu taħt l-età tal-irtirar, li, għall-uffiċjal u persunal ieħor tal-UE, hija stabbilita fl-aħħar tax-xahar li sih tintlaħaq l-età ta' 66 sena;
- ikunu fiżikament f-saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet – biex dan jiġi aċċertat, il-kandidat magħżul jiġi cżaminat mill-uffiċjal mediku tal-KtR qabel kwalunkwe ħatra;
- ikollhom livell ta' edukazzjoni ogħla li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji li jispiċċa fl-flawrja fejn it-tul normali ta' dawn l-istudji jkun ta' erba' snin jew aktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji li jispiċċa fl-flawrja segwit minn esperjenza professjonal rilevanti ta' mill-inqas sena fejn it-tul normali ta' dawn l-istudji jkun ta' mill-inqas liet snin;
- ikollhom esperjenza professjonal ta' mill-inqas ħmistax-il sena f'qasam rilevanti għall-pożżizzjoni. Mill-ħmistax-il sena msemija hawn fuq, mill-inqas ħamsa jridu jkunu ġew akkwistati fkariga maniġerjali (tip ta' kariga: kap ta' unità jew ekwivalenti u ogħla);
- ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjal tal-UE bħala lingwa ewlenija u tal-inqas għarfien sodisfaċenti tat-tieni lingwa uffiċjal tal-UE; minħabba n-natura tad-dmirijiet li jridu jitwettqu, huwa meħtieġ għarfien tajjeb (livell minimu ta' B2 tal-Qafas Ewropew Komuni ta' Referenza għal-Lingwi (*) tal-Ingliż jew tal-Franċiż; mill-inqas għarfien sodisfaċenti tal-lingwa l-oħra minn dawn iż-żewġ lingwi jitqies bħala vantaġġ.

Il-ħtieġa li jiġi reklutat uffiċjal bl-ogħla kwalitajiet ta' kompetenza, prestazzjoni u integrità trid tkun ibbilanċjata mal-interessi tas-servizz, li jeħtieġu li kandidat ikun operattiv immedjatamente u kapaċi jikkomunika b'mod effettiv fl-istituzzjonijiet matul il-kors tax-xogħol ta' kuljum tiegħu f-waħda mil-lingwi l-aktar użati minn uffiċjal u persunal ieħor tal-Unjoni bħala lingwa tħalli. L-ittejtjar tal-ħarfien lingwistiku tal-kandidati matul il-proċedura ta' reklutajiet huwa għalhekk mezz proporzjonat biex jiġi vverifikat li jkollhom l-ogħla kwalitajiet biex iwettqu d-dmirijiet ta' Direttur fl-ambjent tax-xogħol tal-KtR u tal-KESE. Kandidat li jkollu waħda mil-lingwi msemija hawn fuq bħala l-lingwa prinċipali tiegħu se jiġi mitlub waqt l-intervista jesprimi ruħu b'mod sodisfaċenti fl-lingwa uffiċjal differenti mil-lingwa prinċipali tiegħu wkoll.

Barra minn hekk, il-kapaċità li jikkomunika b'mod effettiv b'lingwi uffiċjal oħra tal-Unjoni Ewropea hija vantaġġ; il-konformità mar-rekwiżi f'termini ta' għarfien lingwistiku trid tissemma fid-dikjarazzjoni in bona fide (ara l-punt 7.1 u l-Anness I) u tiġi evalwata waqt l-intervista (ara l-punt 6).

5. L-iskrinjar tal-eliġibbiltà inizjali u tal-ġħażla minn qabel

5.1. L-iskrinjar tal-eliġibbiltà inizjali jikkonsisti f'analiżi mill-bord tal-ġħażla ta' kull fajl sottomess lil dan l-avviż ta' post vakanti sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-punt 4. Il-bord tal-ġħażla huwa assistit mis-segretarjat ġenerali.

(*) <https://www.coe.int/en/web/common-european-framework-reference-languages/table-1-cefr-3.3-common-reference-levels-global-scale>

5.2. Għażla minn qabel fuq il-karta

L-istadju ta' għażla minn qabel għall-kandidati eliġibbli se jsir permezz ta' evalwazzjoni komparattiva **tal-esperjenza professionali tagħhom** ibbażata fuq l-informazzjoni li tinsab fil-fajls tal-kandidati.

Tingħata preferenza lill-kandidati li għandhom:

5.2.1. Ħiliet ta' tmexxija

- Esperjenza fit-tmexxija ta' timijiet multikulturali (mill-inqas 15-il membru tal-persuna) inkluż il-feedback, l-evalwazzjoni tal-persuna u l-iżvilupp;
- Esperjenza fis-superviżjoni ta' kuljum tax-xogħol tal-maniġers, inkluż il-feedback, l-evalwazzjoni u l-żvilupp tal-persuna;
- Esperjenza fil-għejja tal-bidla u l-immodernizzar tal-għodod tal-IT u l-metodi ta' ħidma permezz ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet li jħarsu l-quddiem.

5.2.2. Ħiliet ta' negozjar u komunikazzjoni

- Esperjenza fil-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet pubbliċi, fl-animazzjoni ta' networks u gruppi ta' ħidma;
- Esperjenza fin-negozjar b'succcess ta' proġetti li jinvolvu diversi partijiet interessati interni u esterni ta' dimensjoni internazzjonali.

5.2.3. Għarfien u esperjenza rilevanti għan-natura tad-dmirijiet

- Esperjenza ta' ħidma fit-twaqqif ta' entità kbira, li tiddefinixxi l-viżjoni strateġika tagħha u tissarrafi fi pjanijiet ta' azzjoni konkreti, idealment miex subha f'korp internazzjonali jew f'organizzazzjoni b'diversi livelli ta' partijiet interessati;
- Esperjenza fl-implimentazzjoni ta' bidla u modernizzazzjoni ta' metodi u għodod ta' ħidma permezz ta' teknoloġiji;
- Għarfien tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea u esperjenza fil-qasam tal-kooperazzjoni interistituzzjonali, preferibbilm f'qasam tekniku rilevanti;
- Għarfien tal-istruttura u tal-funzjonament tal-KtR u l-KESE, u speċjalment tas-servizzi konġunti tagħhom;
- Esperjenza fit-trattament tal-proċeduri amministrattivi u baġitarji, kif ukoll il-qafas legali, li jirregola l-attivitàjet tal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej;
- Sfond akademiku sod u esperjenza fl-IT, fil-ġestjoni jew fl-amministrazzjoni tan-negozju se jkunu ta' vantaġġ;
- Esperjenza bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'sottodelega fil-ġestjoni tal-appoprjazzjonijiet tal-UE titqies bħala vantaġġ.

5.2.4. L-ġħażla minn qabel fuq il-karta ssir ukoll fid-dawl tal-interess tal-kandidat li jassumi d-dmirijiet ta' Direttur għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Fejjel tiegħi futuri li d-Direttorat se jiffaċċeja, kif stipulat fl-ittra ta' kopertura tiegħi, u l-ideat tiegħi dwar kif jiġu issaċċejati dawn l-isfidi.

5.2.5. Il-KtR iħeġġeġ il-mobilità interna maż-żmien; għalhekk, il-kapaċită li potenzjalment iwettaq responsabbiltajiet orħa ta' ġestjoni għolja hija wkoll mixtieqa.

6. Kriterji tal-ġħażla

L-ġħażla ssir permezz ta' intervista, li matulha l-bord tal-ġħażla (ara l-punt 7.3.2) se jagħmel lil kull kandidat numru ta' mistoqsijiet simili sabiex jagħmel evalwazzjoni komparattiva tal-kandidati li qed jiġu kkunsidrati f'dan l-istadju.

L-intervista se tiffoka spċċifikament fuq dawn l-elementi li ġejjin tal-kandidat:

- l-ġħarfien tal-ambjent tal-IT tal-istituzzjonijiet tal-UE, il-metodi ta' ħidma, u l-isfidi u l-opportunitajiet li ġejjin;
- l-isfond u l-kapaċitajiet relatati mal-previżjoni;

- l-esperjenza fl-implementazzjoni tal-bidla bil-għan li jiġu modernizzati l-metodi u l-proċessi ta' ħidma permezz tat-teknoloġiji;
- il-ħiliet maniġerjali, il-ħila li jiddisinja u jimplimenta stratifikjoni ġodda, li jsawwar l-għanijiet futuri tad-Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni biex jippreżenta u jispjega r-riżultati mistennja u biex jikkoopera b'mod attiv ma' Direttorati oħra;
- il-motivazzjoni u l-ħiliet interpersonali;
- il-kapaċità li jikkomunika, jitkellem fil-pubbliku, jikkonvinċi u jinnegozja;
- is-sens ta' inizjattiva, il-proaktività u l-ħila pruvata biex imexxi u jimplimenta l-bidla b'suċċess;
- il-kapaċità li jirrapreżenta l-interessi tad-Direttorat u tal-istituzzjoni fil-livell interistituzzjonal.

Għal raġunijiet funzjonali u sabiex titlesta l-proċedura tal-għażla malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll dak tal-istituzzjoni, l-intervista ssir bl-Ingliż jew bil-Franċiż, skont l-għażla tal-kandidat. Għal kandidati li l-lingwa ewlenja tagħhom tkun jew l-Ingliż jew il-Franċiż, l-gharfiex sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjal oħra tal-Unjoni Ewropea se jiġi ttestjat ukoll waqt l-intervista. Barra minn hekk, il-kapaċità li jikkomunika b'mod effettiv flingwi uffiċjal oħra tal-Unjoni Ewropea se tiġi evalwata matul l-intervista (ara l-punt 4).

Sabiex ikun permess l-ogħla grad ta' diversità ta' maniġers anzjani, p'każ ta' mertu ndaqs ta' diversi kandidati li jaapplikaw taħt l-istess kategorija (Artikolu 29(1a)), (b) jew 29(2) b'ordni ta' priorità dekrex-xenti), se tingħata preferenza lill-kandidati nisa jew lill-kandidati li x'aktarx iż-żidu d-diversità ġeografika fost il-maniġers anzjani tal-KtR.

7. Il-progress tal-proċedura

7.1. Is-sottomissjoni tal-fajls ta' applikazzjoni

Il-fajls tal-applikazzjoni jrid jiġu sottomessi biss permezz ta' mezzi elettroniċi fformat pdf **mħux akbar** minn 10 MB fl-indirizz li ġej: Director-II{T}@cor.europa.eu.

Il-kandidati b'diżabilità li ma tippermettilhomx jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom online jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' kunsinna reġistrata u rrēkordjata fl-indirizz: Comité européen des régions, à l'attention du chef de l'unité Recrutement et carrière, rue Belliard/Belliardstraat 101, 1040 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË, immarkata b'"Confidentiel – avis de vacance – à ne pas ouvrir par le service courrier", sa mhux aktar tard mill-iskadenza msemmija fil-punt 7.2, bit-timbru postali jikkostitwixxi l-prova tad-data. F'dan il-każ, il-kandidati jridu jehmżu ċertifikat maħruġ minn korp awtorizzat mal-applikazzjoni tagħhom, li jirrikonoxxi l-istatus tagħhom bħala persuna b'diżabilità. Huma mīstiedna wkoll jindikaw, bil-miktub, kwalunkwe rekwiżit li jqisu meħtieġ biex jissafċilitaw il-parċeċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' reklutajgħi. Kwalunkwe komunikazzjoni oħra bejn il-KtR u dawn il-kandidati ssir bil-posta. Il-KtR jirriserva d-dritt li jitlob kjarifiski dwar id-dokumenti ta' sostenn mitluba hawn taħt.

Il-fajl tal-applikazzjoni jrid isemmi r-referenza tal-avviż tal-post vakanti (**COR/AD 14/30 BIS/22**) fl-intestatura u jkun fis:

- ittra ta' akkumpanjament (massimu ta' 5 paġni) bl-Ingliż jew bil-Franċiż, datata u ffurmata, li għandha tiddikjara l-interess tal-kandidat li jassumi d-dmirijiet ta' Direttur għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-sehim tiegħu tal-isfidi futuri li se jiffaċċċa d-Direttorat, kif stabbiliti fl-ittra ta' kopertura tiegħu, u l-ideat tiegħu dwar kif jiffaċċċa dawn l-isfidi;
- curriculum vitae aġġornat (format tal-Europass);
- dikjarazzjoni datata u ffurmata in bona fide (ara l-formola fl-Anness I) li tikkonferma li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà elenkti fil-punt 4 ġew issoddisfati;
- il-lista ta' kontroll murija fl-Anness II, datata u ffurmata;
- kopja ta' dokument tal-identità;
- kopja tad-diploma li tagħti aċċess għall-marka (ara l-punt 4);
- kopja tal-provi ta' sostenn ta' esperjenza professionali li jippermettu li tiġi vverifikata l-esperjenza tal-kandidat, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 4;
- l-Anness III, datat u ffurmata.

Ir-rispett tal-kriterji ta' eliġibbiltà stabiliti fil-punt 4 se jiġi kkontrollat biss abbażi tal-informazzjoni pprovdu fid-dokumenti ta' sostenn. Informazzjoni pprovdu biss fis-CV jew fl-ittra ta' kopertura mingħajr ma tkun sostnuta minn dokumenti ta' sostenn ma titqiesx.

Fir-rigward tal-esperjenza professionali meħtieġa fil-punt 4, għandhom jiġu pprovdu kopji ta' provi ta' esperjenza professionali li juru l-kontenut tad-dmirijiet, it-tul ta' żmien li fih inżammu l-karigi u l-livell ta' responsabbiltà.

Il-verifika tar-rispett tal-kriterji ta' eliġibbiltà fir-rigward tal-għarfien lingwistiku meħtieġ se tkun ibbażata fuq id-dikjarazzjoni in bona fide; il-livell tal-ħiliet lingwistiċi se jiġi ttestjat waqt l-intervista tal-għażla (ara l-punt 6 tal-avviż tal-post vakanti).

L-ġhażla minn qabel tal-kandidati eliġibbi se tkun ibbażata fuq kriterji stabiliti fil-punt 5.2. Il-kandidati huma mistiedna jenfasizzaw fis-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tagħhom kull aspett rilevanti tal-esperjenza professionali tagħhom li jippermetti lill-bord tal-għażla jivaluta l-grad ta' korrispondenza mar-rekwiżiti ta' dan l-avviż ta' post vakanti.

Meta tħejji l-fajl tal-applikazzjoni, mhux meħtieġ li l-kopji jiġu ċċertifikati bħala konformi mal-oriġinali.

Fajls tal-applikazzjoni mhux kompluti u fajls sottomessi wara l-iskadenza tas-sottomissjoni jew li jonqsu milli josservaw id-dispożizzjonijiet li jirreglaw is-sottomissjoni tal-fajls tal-applikazzjoni ma jiġux ikkunsidrati. Kwalunkwe dikjarazzjoni falza awtomatikament trendi l-applikazzjoni nulla u bla effett.

Il-kandidati huma infurmati li mhumiex permessi jikkuntattjaw personalment lill-membri tal-bord tal-għażla jew jitkolbu lill-membri/lis-sostituti tal-KtR jagħmlu dan, inkella dan jikkostitwixxi raġuni għal skwalifika mill-proċedura.

7.2. Skadensa għas-sottomissjoni tal-fajls tal-applikazzjoni: 14 ta' Ottubru 2022 f'nofsinhar (Ħin ta' Brussel)

Il-kandidati se jirċievu konferma li rċewew il-fajl tal-applikazzjoni tagħhom permezz ta' email. Il-fajls ta' applikazzjoni li jaslu bil-posta reġistrata skont il-punt 7.1 jiġu rrikonoxxti bil-posta.

7.3. Skrutinju tal-fajls tal-applikazzjoni: L-iskrinjar inizjali tal-eliġibbiltà, l-ġhażla minn qabel u l-ġhażla

7.3.1. Fuq il-bażi ta' analiżi preparatorja mwettqa mis-segretarjat ġenerali, bord tal-għażla se jivaluta l-eliġibbiltà tal-kandidati li jkunu ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom fi żmien l-iskadenza fuq il-bażi tad-dokumenti ta' sostenn mitluba fil-punt 7.1.

7.3.2. Il-bord tal-għażla se jkun magħmul mill-President tal-KtR, l-ewwel viċi-president tal-KtR u l-presidenti tas-sitt grupp politiċi (jew ir-rappreżentanti tagħhom) fil-KtR. Is-Segretarju Ġenerali tal-KtR se jkun involut fl-istadji kollha tal-ċċorċċa tal-għażla sabiex jipprovd i-l-ġhażla appoġġ amministrattiv u legali. Matul l-iskrinjar inizjali tal-eliġibbiltà u tal-għażla minn qabel, is-Segretarju Ġenerali tal-KESE jew ir-rappreżentant tiegħu se jkunu involuti wkoll fil-PROĊEDURI tal-bord.

7.3.3. Il-bord tal-għażla l-ewwel jivverifika li l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà jkunu sodisfatti fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni in bona fide, l-ittra ta' akkumpanjament, is-CV u l-kopji tad-dokumenti elenkti fil-punt 7.1 ta' dan l-avviż ta' post vakanti. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà li huma kkontrollati f'dan l-istadju tal-PROĊEDURA huma elenkti fil-punt 4.

Il-kandidati li l-applikazzjoni tagħhom jiġu vvalutati bħala mhux eliġibbi jiġu infurmati b'dan.

7.3.4. L-applikazzjoni tagħġid ammessi fi tniemi l-istadju deskrītt fil-punt t'hawn fuq imbagħad ikunu soġġetti għal proċess ta' għażla minn qabel mill-bord tal-għażla assistit mis-Segretarju Ġenerali. Dan se jsir fuq il-bażi tal-fajl tal-applikazzjoni. L-ismijiet tal-kandidati li jissodis faw l-aħjar il-kriterji stabiliti fil-punt 5.2 ta' dan l-avviż ta' post vakanti jiġu kkompilati flista qasira li tikkonsisti p'massimu ta' **seba' ismijiet**.

Fid-dawl ta' din l-ġhażla minn qabel ibbażata fuq il-fajls, il-kandidati huma mistiedna jenfasizzaw dawk l-aspetti tas-CV tagħhom li jikkorrispondu għad-dmirijiet involuti, il-motivazzjoni tagħhom u l-fehmiet tagħhom dwar l-isfidi futuri li jiffaċċa d-Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni fl-ittra ta' kopertura tagħhom.

7.3.5. Il-kandidati fil-lista mqassra mbagħad jiġu miśtieġna għal evalwazzjoni f'"ċentru ta' evalwazzjoni", li għali l-programm u l-metodoloġija jiġu kkommunikati fil-ħin. Din l-evalwazzjoni se tevalwa l-ħiliet maniġerjali tal-kandidati (il-ġestjoni tal-informazzjoni, il-kompeti, il-persuni, ir-relazzjoni interpersonali u l-kapaċità li jintlaħqu l-għanijiet). Din tikkostitwixxi opinjoni li ma torbotx li ssir disponibbli għall-bord tal-għażla fid-dawl tal-intervista tal-għażla.

7.3.6. Wara ċ-ċentru ta' evalwazzjoni, l-istess kandidati fil-lista mqassra jiġu miśtieġna għal intervista mal-bord tal-għażla fkonformità mad-dispożizzjoni tal-punt 6. Matul dan il-proċess, is-Segretarju Ġenerali jassisti lill-bord tal-għażla u jippreżenta r-riżultati taċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

Wara l-intervista, il-bord tal-għażla jiddeċiedi liema kandidat jitqies l-aktar adattat biex jassumi d-dmirijiet ta' Direttur għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni. Dan il-kandidat imbagħad jiġi propost mis-Segretarju Ġenerali lill-Bureau, li jista' jistieden lill-kandidat propost għal seduta.

Il-kandidati li mhumiex proposti għall-ħatra jiġu infurmati b'dan fi tmiem il-proċedura.

Skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-KtR, il-ħatra ta' kwalunkwe uffisċjal fi grad oħla minn AD 12 tiddependi minn vot favorevoli mill-Bureau. F'każ ta' votazzjoni favorevoli, il-Bureau jagħti istruzzjonijiet lill-President tal-KtR biex jissirma d-deċiżjoni li tkopri l-ħatra tal-kandidat magħżul. F'każ li l-vot mill-Bureau ma jkunx favorevoli, il-proċedura tingħalaq mingħajr ħatra ta' kandidat.

Fil-qafas ta' dan l-avviż ta' post vakanti, l-Awtorità tal-Ħatra se teżamina l-possibiltajiet li jimgħad l-post vakanti skont l-ordni stipulata fl-Artikolu 29 tar-Regolamenti tal-Persunal: l-eżami tal-applikazzjonijiet ippreżżentati skont l-Artikolu 29(1)(a) (kariga li trid timtela permezz ta' trasferiment, ħatra jew promozzjoni), imbagħad l-Artikolu 29(1)(b) (it-trasferiment bejn l-istituzzjonijiet), u finalment, l-Artikolu 29(2). Din l-ordni tiġi osservata f'kull wieħed mill-istadji stabbiliti hawn fuq.

8. Termini tar-reklutagħ

Jekk l-applikazzjoni tkun ġiet sottomessa fl-ambitu ta' dan l-avviż ta' post vakanti, il-kandidat magħżul jinħatar bħala Direttur tad-Direttorat għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni (grad AD 14).

Qabel ir-reklutagħ, il-kandidat magħżul irid jipprovd silta mir-rekord kriminali sabiex juri li r-rekwiżiti statutorji kollha f'termini ta' referenzi ta' karattru huma sodisfatti.

9. Osservazzjonijiet

Il-ħatra ssir jekk ikunux disponibbli biżżejjed fondi.

Id-data personali li tinsab fl-applikazzjonijiet se tiġi ttrattata skont il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data.

Bħala impiegatur, il-KtR japplika politika ta' opportunitajiet indaqs, li tipprekludi kull diskriminazzjoni, u huwa wkoll impenjat li jipproteġi l-ambjent.

Skeda ta' żmien provviżorja:

Skadenza għall-applikazzjonijiet:	l-14 ta' Ottubru 2022
Kontroll tal-eliġibbiltà + lista mqassra:	tmiem Ottubru 2022
Ċentru ta' evalwazzjoni:	mit-12 sas-16 ta' Diċembru 2022
Intervisti:	tmiem Jannar 2023
Data ta' reklutagħ mistennija:	Meju 2023

10. Ilmenti

Irrispettivament mid-dritt tagħhom li jressqu lment skont l-Artikolu 90(2) jew li jippreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kandidati jistgħu jitkolu rieżżami intern ta' kwalunkwe deċiżjoni tal-bord tal-għażla li taffettwa direttament u immedjatamente l-istatus tagħhom fl-għażla minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw il-proċedura tal-għażla kif stipulat fl-avviż ta' post vakanti. It-talba trid issir permezz ta' email ((Director-IIIT@cor.europa.eu) fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data meta d-deċiżjoni tiġi notifikata lill-kandidat permezz ta' email. Għandha tindika d-deċiżjoni u r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata t-talba.

Il-bord tal-għażla jieħu deċiżjoni u tweġiba raġunata tintbagħat lill-kandidat fi żmien debitu.

ANNESS I

AVVIŻ TA' POST VAKANTI NRU COR/AD 14/30 BIS/22

DIKJARAZZJONI IN BONA FIDE

Artikolu 29(2)

IL-KANDIDAT

Kunjom u isem:

Niddikjara li l-informazzjoni u d-dokumenti kollha pprovdu fl-applikazzjoni tiegħi huma veri u kompluti.

Niddikjara fuq l-unur tiegħi li fid-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet:

- i. Jien ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE;
- ii. Jiena ngawdi d-drittijiet sħaħ bħala ċittadin;
- iii. Issodisfajt kull obbligu impost fuqi mil-liġijiet li jikkonċernaw is-servizz militari;
- iv. Jien se nippovdi r-referenzi tal-karatru meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet;
- v. sa fejn naf jien, jien fiżikament f'saħħti biex inwettaq id-dmirijiet previsti;
- vi. Jien taħt l-età tal-irtirar, li, għall-uffiċċjali u persunal iċhor tal-UE, hija stabbilita għall-aħħar tax-xahar li fih jintlaqħu s-66 sena;
- vii. Għandi livell ta' edukazzjoni ogħla li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji li jispiċċa flawrja fejn it-tul normali ta' dawn l-istudji huwa ta' erba' snin jew aktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji li jispiċċa flawrja u huwa segwit minn esperjenza professionali rilevanti ta' mill-inqas sena fejn it-tul normali ta' dawn l-istudji huwa ta' mill-inqas tliet snin;
- viii. Għandi esperjenza professionali ta' mill-inqas ħmistax-il sena f'qasam rilevanti għall-pożizzjoni. Mill-ħmistax-il sena msemmija hawn fuq, mill-inqas ħamsa ġew akkwistati skariga maniġerjali (tip ta' kariga: kap ta' unità jew ekwivalenti u oħħla);
- ix. Għandi għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea bħala lingwa ewlenija u tal-inqas għarfien sodisfaċenti tat-tieni lingwa uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea;
- x. Għandi mill-inqas għarfien tajjeb tal-Ingliż jew tal-Franċiż (Livell B2).

Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-lista ta' kontroll, hija parti integrali mill-fajl tal-applikazzjoni u għandha tiġi meħmuża mal-ittra ta' kopertura uffiċċjali tiegħi.

Jiena konxju:

- li l-applikazzjoni tiegħi tiġi miċħuda jekk ma nibgħatx id-dokumenti mitluba skont l-arrangġamenti meħtieġa mill-avviż ta' post vakanti;
- li kwalunkwe dikjarazzjoni falza twassal għall-annullament awtomatiku tal-applikazzjoni tiegħi.

Data:

Firma:

ANNESS II

AVVIŻ TA' POST VAKANTI NRU COR/AD 14/30 BIS/22

LISTA TA' KONTROLL

Artikolu 29(2)

IL-KANDIDAT

Kunjom u isem:

jiddikjara li l-fajl tal-applikazzjoni jinkludi l-komponenti li ġejjin (poġġi salib fil-kaxxi rilevanti):

	IVA	LE
1. Kopja tad-diploma universitarja li tattesta erba' snin ta' studju jew aktar jew Kopja ta' diploma universitarja li tattesta tliet snin ta' studju jew aktar u Esperjenza professjonalni xierqa ta' mill-inqas sena	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
2. Ċertifikati li jkopru 15-il sena esperjenza professjonalni, li minnhom mill-inqas ħames snin huma fpożizzjoni maniġerjali (tip ta' kariga: kap ta' unità jew ekwivalenti u ogħla)	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
3. Kopja ta' dokument tal-identità uffiċjali	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
4. Ittra ta' akkumpanjament (massimu ta' ħames paġni) bl-Ingliż jew bil-Franċiż	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
5. CV fil-format Europass bl-Ingliż jew bil-Franċiż	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
6. Dikjarazzjoni in bona fide, datata u ffirmata	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>

Data:

Firma:

ANNEX III

**DISPOŻIZZJONIJET DWAR IT-TALBIET GĦAL RIEŻAMI — APPELLI — ILMENTI LILL-OMBUDSMAN
EWROPEW — OPPORTUNITAJET INDAQS — AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI — PROTEZZJONI TAD-DATA
PERSONALI**

TALBIET GĦAL RIEŻAMI

Tista' titlob rieżami jekk:

- il-bord tal-ġħażla naqas milli jirrispetta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura tal-ġħażla;
- il-bord tal-ġħażla naqas milli jirrispetta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħidma tiegħu.

Jekk jogħġbok innota li l-bord tal-ġħażla jgawdi miżura wiesħha ta' diskrezzjoni biex jevalwa jekk u sa liema punt it-tweġġibet tiegħek humix korretti jew żbaljati. Għalhekk ma jaqbilx li tikkonesta l-marki tiegħek sakemm ma jkunx hemm żball manifest fil-liġi jew fil-fatt.

Trid tissottommetti t-talba tiegħek debitament sostanzjata fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tad-dispaċċ tal-email taċ-ċaħda. L-indirizz huwa l-istess bħal dak għas-sottomissioni tal-applikazzjonijiet. Id-dipartiment tal-HR se jgħaddi l-ittra tiegħek lill-membri tal-bord tal-ġħażla, li jeżaminawha u jaslu għal deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.

Fil-linja tas-suġġett tal-ittra tiegħek, jekk jogħġbok ikkwota:

- in-numru tal-avviż tal-post vakanti,
- "request for review" ("demande de réexamen"),
- l-istadju tal-ġħażla kkonċernata (l-el-ġibbiltà, l-ġħażla minn qabel, eċċ.).

Jekk jogħġbok innota li l-ebda talba għal rieżami ma tista' tiġi ppreżentata wara l-intervista.

APPELLI

Jekk temmen li l-KtR jew il-bord tal-ġħażla aġixxew b'mod inġust jew ma rrisspettawx id-dispożizzjonijiet tal-avviż ta' post vakanti fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-ġħażla, u għaldaqstant ġejt żvantaġġat, tista' tressaq ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, billi tibgħat email lis-Segretarju Ġenerali fl-istess indirizz funzjonal: Director-IIT@cor.europa.eu

Fil-linja tas-suġġett tal-ittra tiegħek, jekk jogħġbok ikkwota:

- in-numru tal-avviż tal-post vakanti,
- ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal" ("réclamation article 90, paragraphe 2, du statut"),
- l-istadju tal-ġħażla kkonċernat (l-el-ġibbiltà, l-ġħażla minn qabel, ir-riżultat finali, eċċ.).

Jekk jogħġbok innota li l-bord tal-ġħażla jgawdi minn miżura wiesħha ta' diskrezzjoni.

Ma jaqbilx li jiġi sottomess ilment kontra deċiżjoni tal-bord tal-ġħażla, peress li dawn joperaw b'mod kompletament indipendenti u d-deċiżjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu mħassra mill-Awtorită tal-Ħatra. Dik il-miżura wiesħha ta' diskrezzjoni hija soġġetta għal kontrolli biss fil-każz ta' ksur ċar tar-regoli li jirregolaw ix-xogħol tagħhom. F'dak il-każz, deċiżjoni tal-bord tal-ġħażla tista' tiġi kkontestata direttament quddiem il-Qorti tal-Għustizzja tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma l-ewwel ikun ġie ppreżentat ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Jista' jitressaq appell skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal ma:

Il-Qorti Ġenerali
Boulevard Konrad Adenauer
L-2925 Luxembourg
LUXEMBOURG

Għal dettalji dwar kif tissottommetti appell, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali (https://curia.europa.eu/jcms/jcms/jo2_7033/cn/).

Għaż-żewġ proċeduri, il-limiti ta' żmien jibdew jiddekorru mid-data li tiġi nnotifikat bid-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-appell.

ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Bħaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea, tista' tressaq ilment ma' :

European Ombudsman
1 avenue du Président Robert Schuman
CS30403
67001 Strasbourg
FRANCE
<https://www.ombudsman.europa.eu/en/home>

Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti magħmula lill-Ombudsman Ewropew m'għandhom l-ebda effett sospensiv fuq il-perjodu ta' żmien stabilit fl-Artikolu 90(2) u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' l-menti jew il-preżentazzjoni ta' appelli quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, jekk jogħġbok innota li, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman, kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman għandu jkun preċedut mill-aproċċi amministrattivi xierqa għall-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.

OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-KtR se jieħu ħsieb li jevita kull forma ta' diskriminazzjoni waqt l-għażla. Japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u taċċetta applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-religion jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprijetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orientazzjoni sesswali, l-istat cívili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

Il-kandidati b'diżabilità huma mistiedna jindikaw kwalunkwe bżonn speċjalisti li jista' jkollhom f'nota kufidenzjali ssiġillata meħmuża mal-applikazzjoni tagħihom. Din it-talba se tiġi trattata b'diskrezzjoni sħiħa, u ma jinżamm l-ebda rekord tagħha.

TALBIET MILL-KANDIDATI GĦALL-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI LI JIKKONċERNAWHOM DIRETTAMENT

Il-kandidati għandhom dritt speċifiku ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individualment.

Il-kandidati ammessi fis-ċentru ta' evalwazzjoni u l-intervista orali jistgħu jiksbu kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni individwali tagħihom fuq talba. It-talbi kollha għall-kopji jistgħu jiġu introdotti biss ladarba l-proċedura tal-għażla tkun testiet.

It-talbiet se jiġi trattati skont ir-rekwiżit li x-xogħol tal-bord tal-għażla jkun kufidenzjali u f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali.

IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Il-KtR, bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni ta' din l-għażla, għandu jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata f'konformità stretta mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), partikolarmen fir-rigward tal-kufidenzjalità u s-sigurta.

L-Uffiċċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-KtR jipprovdi funzjoni konsultattiva indipendenti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1725 u huwa meħtieġ li jżomm reġistru ċentrali tar-rekords kollha tal-attivitàjiet tal-ipproċessar tad-data personali mwettqa mill-istituzzjoni.

Id-data personali se tinġabar u tiġi pproċessata biss għall-iskop li tiġi organizzata din l-għażla u jiġi mmaniġġat ir-riżultat (inklużi aspetti relatati ma' kwalunkwe awditjar intern jew estern jew kwalunkwe proċedura legali relatata mal-għażla); fejn rilevanti, ċerta data tiġi miżjudha mal-fajl personali tal-kandidati li jintgħażu li jsiru uffiċċiali.

Id-destinatarji tad-data huma:

- il-persunal inkarigat mill-proċedura ta' reklutaġġ fid-Direttorat għar-Riżorsi Umani u l-finanzi;
- il-membri tal-bord tal-għażla;
- fejn applikabbli, is-Servizz Legali;

(¹) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjoni, korpi, uffiċċiji u aġenzi tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

— fejn applikabbi, is-servizz tal-auditjar intern, il-Qorti tal-Audituri, l-awtoritajiet dixxiplinarji, l-OLAF u l-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-kandidati għandhom dritt ta' aċċess, rettifikasi, tħassir u oġġezzjoni (email: Director-IIIT@cor.europa.eu) fuq talba għad-drittijiet ta' aċċess u rettifikasi.

Il-kandidati għandhom aċċess għall-applikazzjonijiet tagħhom, li għalihom għandhom dritt ta' rettifikasi:

— fir-rigward tad-dokumenti li juru l-elgħibbiltà, sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet;

— fir-rigward tad-data tal-identità, mingħajr limitu ta' żmien.

Id-dritt ta' oġġezzjoni u tħassir: fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tasal it-talba.

Id-dokumenti relatati mal-proċedura tal-ġhażla (inklużi dawk relatati mal-kandidati rrifutati) se jinżammu mid-dipartiment responsabbi fl-amministrazzjoni għal ħames snin wara r-reklutaġġ tal-kandidat l-aktar adatt (dan il-perjodu huwa ġġustifikat mill-ħtieġa li tkun tista' tirrispondi għal proċedura ta' verifikasi possibbli).

Kwalunkwe dokument li jikkonċerma talba relatata ma' diżabilità jingered wara t-tmiem tal-proċedura, sakemm it-talba msemija ma tirriżultax fi spejjeż, fliema każ dawn jinżammu għal ħames snin (dan il-perjodu huwa ġġustifikat mill-ħtieġa ta' risposta għal proċedura ta' verifikasi possibbli).

Id-dokumenti jinquerdu ladarba l-perjodu taż-żamma jkun għadda.

Tingħiġed l-attenzjoni tal-kandidati għall-fatt li għandhom l-ġhażla li jikkuntattjaw lill-Ufficijal għall-Protezzjoni tad-Data tal-KtR: data.protection@cor.europa.eu, u li jikkuntattjaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fi kwalunkwe ħin: edps@edps.europa.eu.

Riċevut mill-kandidat:

Data: Firma: